

kwantità kbira ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi kemm għall-finijiet ta' konsum personali kif ukoll għall-finijiet ta' traffiku ta' droga, filwaqt li jħalli l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kwantità kbira ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi" għad-diskrezzjoni tal-qrati nazzjonali, każ b'każ, sakemm din l-interpretazzjoni tkun raġonevolment prevedibbli.

(¹) ĠU C 65, 18.2.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Kiel – il-Ġermanja) – KH vs Sparkasse Südholstein

(Kawża C-639/18) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Kummerċjalizzazzjoni mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji – Direttiva 2002/65/KE – Artikolu 1 – Kamp ta' applikazzjoni – Kuntratti għal servizzi finanzjarji li jinkludu ftehim inizjali segwit b'operazzjonijiet suċċessivi – Applikazzjoni tad-Direttiva 2002/65/KE għall-ftehim inizjali biss – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' "kuntratt għal servizzi finanzjarji" – Ftehim ta' emenda ta' kuntratt ta' self li jbiddel ir-rata tal-interessi ffissata inizjalment)

(2020/C 271/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Kiel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: KH

Konvenut: Sparkasse Südholstein

Dispożittiv

L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-taqegħid fis-suq [kummerċjalizzazzjoni] b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ftehim ta' emenda ta' kuntratt ta' self ma jaqax taħt il-kunċett ta' "kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta l-ftehim ta' emenda jillimita ruħu li jbiddel ir-rata ta' interressi miiftiehma inizjalment, mingħajr ma jestendi t-tul tas-self jew ibiddel l-ammont tiegħi, u meta l-klawżoli inizjali tal-kuntratt ta' self kienu jipprevedu l-konklużjoni ta' tali ftehim ta' emenda jew, fin-nuqqas tiegħi, l-applikazzjoni ta' rata ta' interressi varjabbi.

(¹) ĠU C 25, 21.1.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Ġunju 2020 – Przedsiębiorstwo Produkcyjno-Handlowe "Primart" Marek Łukasiewicz vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Bolton Cile Espana, SA

(Kawża C-702/18 P) (¹)

(Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea PRIMART Marek Łukasiewicz – Trade mark nazzjonali preċedenti PRIMA – Artikolu 8(1)(b) – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 76(1) – Ambitu tal-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea)

(2020/C 271/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Przedsiębiorstwo Produkcyjno-Handlowe "Primart" Marek Łukasiewicz (rappreżentant: J. Skołuda, radca prawny)